ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

***(Laqgħa B'Urġenza)***

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 15/2020/09

**Data tal-laqgħa:** 11 ta' Ġunju, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fis-7.30 ta' filgħaxija.

## Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** | (permezz ta' *Confra Call*) |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** | (permezz ta' *Confra Call*) |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** | (permezz ta' *Confra Call*) |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** | (permezz ta' *Confra Call*) |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** | (permezz ta' *Confra Call*) |

## Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

HAL KIRKOP

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 15.1 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2019

15.1.1 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħti spjegazzjoni ta' dawn l-*audited financial statements* lill-Kunsilliera preżenti biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

15.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wara li sar l-Awditjar tal-kotba finanzjarji tal-Kunsill, l-*accountant* tal-Kunsill kienet għamlet l-aġġustamenti fil-*financial statements* kif mitlub mill-Awdituri.

15.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tinsab sodisfatta ħafna li l-awdituri ħarġu b'opinjoni għax il-kotba finanzjarji tal-Kunsill laħqu il-kriterji mitluba.

15.1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dwar il-*financial statements* għas-sena finanzjarja li għalqet f'Diċembru 2019. Hi qalet li din is-sena kienet għalqet b'defiċit għas-sena ta' €4,289.

15.1.5 Fil-fatt wara l-aġġustamenti, l-Kunsill għalaq is-sena b'*working capital* ta' €172,841. Dan jawgura tajjeb biex il-Kunsill jibqa' għaddej bil-ħidma sfieqa tiegħu favur il-lokalità.

15.1.6 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-*Audited Financial Statements*, hekk kif emendati, għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2019, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mal-Kunsilliera kollha.

15.1.7 Għaldaqstant dawn l-*Audited Financial Statements* għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv, biex flimkien mar-*representation letter* jgħaddu għand l-Awdituri tal-Gvern Lokali u l-NAO sad-*deadline*, jiġifieri sa nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Ġunju, 2020.

## 15.2 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

15.2.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

15.2.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir kif kienet aġġornata f'laqgħa numru 14 jiġifieri nhar il-Ħamis, 18 ta' Ġunju, 2020 fl-16:30hrs.

15.2.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19:55 ta' filgħaxija.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 18 ta' Ġunju, 2020

ĦAL KIRKOP

**Mozzjoni Ref:** 081/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill japprova l-*Audited Financial Statements*, għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2019.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 11 ta' Ġunju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**